MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Appell Kriminali Numru. 197/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Tonio Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tonio Ciantar talli fil-kwalita` tieghu ta' Direttur tas-socjeta` Sunflower Commercial Serv Ltd. (C 23218) b'ufficcju registrat f' Casa Ciantar, Gate Ave., Zebbug, Malta u/jew bhala wiehed mill-persuni nkarigati li thallas dak li hu dovut lill-impjegati tas-socjeta` fuq imsemmija, naqas li jhallas il-pagi kollha peress illi ghamel jew ippermetta li jsiru deduzzjonijiet mhux awtorizzati mill-istess pagi ghall-perijodu sal-4 ta' Ottubru 2003 dovuti lill-

ex-impjegata tieghu Jane Micallef fit-tmiem tal-impjieg taghha fl-4 ta’ Ottubru 2004 is-somma ta’ Lm509 78c.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-appellant (allura imputat) li jhallas lil Jane Micallef l-ammont ta’ Lm509.28 ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta’ Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Tonio Ciantar hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' hamsin liri Maltin (Lm50) u ordnat il-hlas ta’ mija w tlettax liri Maltin u disgha w erbghin centezmu (Lm113. 49c) lil Jane Micallef;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Tonio Ciantaripprezentat fis-17 ta’ Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena u ordni ta’ hlas lill-imsemmija Jane Micallef, jew fin-nuqqas tapplikalu piena anqas iebsa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma s-segwenti: (1) ma giex ippruvat sal-grad rikjest tal-ligi li saret deduzzjoni mhux awtorizzata mill-paga ta’ Jane Micallef; (2) id-deduzzjoni maghmula kienet permessa mil-ligi; (3) dato ma non concesso li ghandha tirrizulta l-htija, il-piena imposta mill-ewwel Qorti hija iebsa wisq.

Mill-provi jirrizulta li Jane Micallef kienet impjegata mal-grupp ta’ kumpaniji involuti fit-tmexxija tan-Nicholsons Supermarket: bejn id-29 ta’ Awissu 1994 u t-30 ta’ Gunju 2001 man-Nicholsons Supermarket Co. Ltd., bejn l-1 ta’ Lulju 2001 u t-30 ta’ Gunju 2002 ma’ Iris Software Co. Ltd.

u bejn l-1 ta’ Lulju 2002 u l-1 ta’ Novembru 2003 ma’ Sunflower Commercial Serv. Ltd.

Fit-30 ta’ Gunju 2002 sar “changeover” ta’ impjegati minn Iris Software Co. Ltd. ghal Sunflower Commercial Serv. Ltd. u b’dikjarazzjoni ta’ dik il-gurnata ffirmata mill-appellant (a fol. 6), Jane Micallef – bhal impjegati ohra – giet assigurata li l-kondizzjonijiet kienu sejrin jibqghu l-istess. Difatti din id-dikjarazzjoni kienet tghid testwalment hekk:

*“We hereby accept to treat your employment with the above mentioned company as a continuation of your employment and therefore as a consequence to take all the conditions of employment between IRIS Software Company Ltd., Nicholsons The Supermarket Limited, N. Ciantar & Sons Limited and yourselves including all benefits due to you by the said companies throughout the term of your employment, with effect from the date of this letter.”*

In effetti sa Gunju 2003 il-paga bazika li kienet tircievi Jane Micallef baqghet l-istess. F’Lulju pero` tnaqqset mill-paga ta’ Jane Micallef is-somma ta’ Lm25.14, f’Awissu u Settembru mbaghad l-paga bazika kienet ta’ Lm325, tnaqqis ta’ Lm46.55,8 fix-xahar minn dik li kienet qabel il-paga bazika. Jane Micallef irrizenjat minghajr ma hadmet il-perijodu tan-*notice*. Fis-17 ta’ Novembru 2003 marret fl-ufficcju tad-Department of Industry and Employment Relations minhabba bilanc li sostniet li kellha tiehu minghand l-appellant, ossia s-socjeta` li kienet qabel impjegata maghha fl-ammont ta’ Lm509.23. Jane Micallef qalet li l-appellant kien infurmaha li ser inaqqsilha l-paga u meta ccekkjat l-Labour Office nfurmawha li ma setax. L-appellant xehed li d-decizjoni li titnaqqas il-paga ttiehdet minflok keccew in-nies. Qal li kellmu kull impjegat individwalment u li spjegawlhom li obbligati jkeccu *last in first out* f’kull grad izda riedu jaghzlu l-ahjar nies izda ma kienx possibbli li jzommu l-pagi ta’ l-ahjar nies kollha f’daqqa f’operazzjoni izghar, u kollha accettaw.

Issa, l-artikolu 15(1) tal Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

**"Hlief meta jkun espressament permess mid-disposizzjonjiet ta' dan l-Att jew mehtieg b'xi ligi ohra, jew meta ordnat minn jew bis-sahha ta' ordni ta' qorti kompetenti, jew permess fi ftehim li jkun sar bejn principal jew principali jew ghaqda ta' principali min-naha l-wahda u *trade union* jew *trade unions* li jirrapprezentaw l-impjegati interessati min-naha l-ohra, principal ma ghandu jaghmel ebda tnaqqis u lanqas jaghmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li ghandha tithallas mill-principal lill-impjegat."**

Ghalkemm l-appellant seta' kellu ragunijiet validi biex titnaqqas il-paga tal-haddiema, ma jirrizultax li huwa ottempera ruhu ma' dak li tghid il-ligi meta ttiehdet dik id-decizjoni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat lill-appellant ihallas lil Jane Micallef dak li kien tnaqqsilha mill-paga.

Kwantu ghall-piena, skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 45 tal-Kap. 452, il-piena hija dik tal-multa ta' mhux inqas minn mitt lira (Lm100) u mhux ktar minn elf lira (Lm1,000). L-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ihallas multa ta' hamsin lira (Lm50), jigifieri sahansitra taht il-*minimum* stabbilit mil-ligi. Ghalhekk m'hemmx lok li jigi milqugh l-aggravju fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------